MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 693/2013

**Advertasia Services Limited [C-34775]**

**Vs**

**Alan VELLA [K.I. Nru. 296369M] u Price Breakers Limited [C-20981]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti minnha mressqa fit-23 ta' Ottubru, 2013** u li permezz taghha talbet lill-intimati jhallsuha s-somma ta' erba' mija tnejn u sebghin euro [€472] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Is-somma mitluba ta' erba' mija u tnejn u sebghin euro (€472) dovuta lis-socjeta attriċi jirrappreżenta l-prezz ta' reklami li saru fuq inkarigu tal-konvenuti jew min minnhom fil-magazine "The Voucher" fix-xahar ta' Mejju 2013, liema somma baqghet ma thallsitx minkejja diversi interpellazzjonijiet lilhom maghmula.

> Bl-ispejjez, inklużi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 1 ta' Lulju 2013, u interessi kummerċjali sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ingunt ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimati** minnhom mressqa fit-8 ta' Novembru, 2013 u li permezz taghha huma rrispondew hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

> "1. Illi preliminarjament l-atturi jridu jghidu kontra liema konvenut qeghdin jippretendu hlas;
>
> 2. Illi t-talba ta' l-atturi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;
>
> 3. Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost, l-atturi kellhom jaghmlu distribuzzjoni ma' mija sitta u erbghin elf dar f'Malta u Ghawdex, iżda dan fil-fatt ma sarx kif ser jiġi ppruvat fil-kors tal-kawza u kif mill-ewwel gie protestat ma' l-atturi.
>
> Bl-ispejjes kontra l-atturi ngunti ghas-subizzjoni".

Ra l-verbal datat 7 ta' Jannar, 2014 fejn l-intimat Alan Vella ddikjara

Ra l-ahhar verbal tas-26 ta' Marzu, 2014 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob minghand l-intimati l-hlas tas-somma ta' €472, rappreżentanti dan l-ammont l-prezz ta' riklami li saru fuq il-magazine bl-isem ta' The Voucher f'Mejju tas-sena 2013. Minkejja diversi interpellazzjonijiet, l-intimati baqghu ma hallsux u ghalhekk kellha issir din il-kawza. L-intimati da parti taghha laqghu ghal din ix-xilja billi qalu li fl-ewwel lok, ir-rikorrenti ghandu jghid minghand min minnhom hija qeghda tippretendi l-hlas. Stqarrew ukoll li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u li s-socjeta rikorrenti kellha taghmel distribuzzjoni ma' mija sitta u erbghin elf dar f'Malta u Ghawdex iżda dan fil-fatt ma sarx u dan kif ser jirrizulta ppruvat fil-kors tal-kawza. Dan il-fatt, ikomplu jghidu l-intimati gie protestat mal-ewwel mas-socjeta rikorrenti.

Ikkunsidra;

2. **Doreen Azzopardi**, direttrici tas-socjeta rikorrenti qalet li s-socjeta minnha rappreżentata tippubblika l-magazine bl-isem The Voucher Magazine. Dan jiġi ppubblikat darba fix-xahar u l-ammont ta' magazines li jiġu ppubblikati kull xahar huwa ta' mija sitta u erbghin elf (146,000). Mija tlieta u erbghin elf (143,000) minnhom, is-socjeta rikorrenti tghaddiehom lil Posta sabiex jitqassmu ġewwa d-djar f'Malta u Ghawdex u l-kumplament jinghataw lil persuni li jirreklamaw maghhom sabiex ikunu jistghu jqassmuhom mill-hwienet taghhom. Qalet li huma ilhom ghal dawn l-ahhar tmien snin jutilizzaw is-servizzi tal-posta f'dan ir-rigward. Stqarret però li "*ġieli kien hemm ilmenti bhal ma qieghed jghid l-intimat u cioe li ma jkunux wasslu magazines fil-households kollha*" (fol. 7). Meta jiġri hekk, kompliet tghid ix-xhud, "*... ahna nitolbu lil Malta Post sabiex jaghtuna l-indirizzi fejn dan il-magazine ma jkunx tqassam u huma jghaddulna din il-lista*" (fol. 7). Fil-kaz odjern, hija kienet talbet lil *advertiser* sabiex jaghtiha l-informazzjoni fejn ma kienx wasal dan il-*magazine* iżda din l-informazzjoni baqghet ma inghatatx lilha.

Kompliet tghid li minkejja li s-socjeta rikorrenti tqassam 143,000 kopja tal-*magazine* kull xahar, dan il-*magazine* ma jasalx f'kull *household* l-ghaliex hemm

ferm iżjed *households* min hekk f'Malta u Ghawdex. Tkompli tghid li hemm lokalitajiet fejn dan il-*magazine* ma jitqassamx u hemm lokalitajiet ohra fejn jitqassam f'partijiet biss. Tat bhala eżempju lokalitajiet ta' villegjaturi.

Ix-xhud esebit kopja tal-*booking form* relattiva ghal dan ir-riklam minfejn jirrizulta li isem il-klijent huwa Alan Vella filwaqt li l-kumpanija hija Price Breakers Limited. Din il-*booking form* iġib id-data ta' l-10 ta' April, 2013.

Qalet ukoll li meta r-rapprezentanti tas-socjeta rikorrenti ċemplu lill-intimat ghal hlas, huwa "*... kien infurmahom illi ma kellux feedback daqs kemm kellu meta kien jirreklama maghna u allura ma kienx ser ihallas*" (fol. 10).

In kontro-ezami hija qalet li l-intimat beda jilment madwar xahar wara li s-socjeta rikorrenti talbet il-pagament ghar-riklam. Mistoqsija dwar id-dok. AV 1 (fol. 15) ix-xhud qalet li hija ma kienitx rat din l-*email*.

3. Fis-seduta ta' l-20 ta' Frar, 2014 xehdet **Carmen Xerri Lautier**, *administrator* mal-Malta Post. Hija qalet li l-s-socjeta minnha rappreżentata tkun żammet il-flus lis-socjeta rikorrenti sabiex tkun tista tqasmilha 143,000 kopja tal-*magazine* fid-djar Maltin. Murija r-ricevuta tal-hlas li hemm a fol. 23 tal-process, ix-xhud ikkonfermat li din hija r-ricevuta tal-hlas b'referenza ghad-dokument li hemm a fol. 12 tal-process. Qalet ukoll li sakemm "*... s-socjeta rikorrenti ma tghidilniex biex ma nqasmux f'xi post partikolari ahna naghzlu l-postijiet u nqasmu l-publication f'dawn l-istess positijiet li jkunu maghzulin specifikatament minna*" (fol. 26).

Ix-xhud esebiet dokument a fol. 31 et seq tal-process, liema dokument juri kif tqasmu dawn il-*magazines*, liema tqassim dejjem jibqa isir bl-istess mod u fl-istess postijiet "*... diment kif diġà ghidt ma jghidilniex il-klijent biex naghmlu mod iehor*" (fol. 27).

Mistoqsija dwar il-fondi indikati a fol. 15 tal-process, u cioe 55, Flat 2, Main Street, Mosta u 55 Flat 4, Main Street, Mosta, ix-xhud wieġbet li skond l-informazzjoni li ghandha dan il-*magazine* tqassam fihom. Ghar-rigward tat-tielet fond u cioe South Lodge, Lord Strickland Street, Attard skond ma infurmaha l-pustier adett minn dik il-lokalita *"... dan il-post kien under maintenance u cioe kien qieghed isir xi tip ta' refurbishment..."* (fol. 27).

Qalet li meta pustier ma jkunx qassam il-*magazines* huwa jkun irid jimla formola li tibqa tinżamm internament bil-postijiet fejn huwa ma jkunx qassam. Din il-formola imbaghad tghaddi ghand is-*supervisor* u wara li tkun imtliet kollha, jiehu hsieb li jiffirmaha.

Fis-seduta tas-26 ta' Marzu, 2014, l-istess xhud ippreżentat *delivery sheets* ghal perjodu bejn is-6 u d-9 ta' Mejju, 2013 (dok. CSL 2) u dan ghal lokalita tal-Mosta. Qalet li fuq it-tieni faċċata ta' dan id-dokument hemm immarkat bil-kulur roża n-numru hamsa u hamsin (55). Ziedet tghid li *"f'dan il-kaz il-Voucher Magazine tqassam ukoll f'dan l-indirizz*" (fol. 35). Dan id-dokument, kompliet tghid ix-xhud, huwa maghruf bhala d-*delivery sheets* u jiġi mimli mill-pustier u ivverifikat mis-Senior Administrator li jkun is-*supervisor* tal-pustier. Jekk ikun hemm problema, il-pustier huwa obbligat li jkellem lis-*supervisor*. Din hija proċedura li tintuża ghall-*unaddressed circulations* kollha. Dan id-dokument huwa wiehed intern ghal posta u ma johrogx minghandhom.

4. **Carmen Fenech**, addetta mas-socjeta rikorrenti xehdet u qalet li l-intimat kien ibbukkja reklam mas-socjeta rikorrenti u dan sabiex jiġi jidher fil-Voucher Magazine fix-xahar ta' Mejju, 2013. Il-prezz ghal dan ir-reklam kien ta' €400 eskluz il-VAT. Murija d-dokument li gie esebit a fol. 19 tal-process, ix-xhud ikkonfermat li dak kien ir-reklam tal-intimat.

**In kontro-ezami**, meta ġiet mistoqsija jekk hija kienitx qatt irċeviet xi ilment minghand l-intimat, hija qalet li l-intimat ilmenta maghha madwar xahrejn wara li kien gie ppubblikat ir-reklam. Dan sehh meta hija kienet ċemplitlu ghal pagament. Hija talbitu jibghatilha l-indirizzi ta' fejn qal li ma kienx tqassam il-*magazine* u da parti taghha, hija ghaddiet dawn l-indirizzi lil Malta Post. Ix-xhud qalet li l-addetti li kellmet il-Malta Post kienu qalulha li huma ma jkunux f'posizzjoni jivverifikaw jekk tqassmux jew le dawn il-*magazines* f'dawk l-istess indirizzi u dan peress li kienu ghaddew xahrejn. Hija nfurmat b'dan lill-intimat li da parti tieghu qalilha li ma kienx lest li jhallas lis-socjeta rikorrenti ghar-riklam li kien gie ppubblikat.

Meta ġiet mistoqsija dwar id-dokument li hemm esebit a fol. 15 tal-process, ix-xhud qalet li dik l-*email* kienet ircevietha hi iżda ma kienitx wieġbet lill-intimat bil-miktub. Minflok taghtu spjegazzjoni verbali. Sussegwentement infurmat lid-direttrici tas-socjeta rikorrenti li l-intimat kien qieghed jilmenta mis-servizz u li ma riedx ihallas.

5. Xehed **Roderick Cutajar**, pustier. Huwa qal li kien ilu xhur jaghmel ir-ronda ta' fejn jinsabu l-appartamenti msemmija mill-intimat u li huwa ċert li qassam il-Voucher Magazine fiz-zewg appartamenti abitabbli li hemm fil-fond bin-numru 55, Triq il-Kbira, Mosta. F'dan il-fond, kompla jghid ix-xhud, hemm erba' appartamenti. Fl-appartamenti numri wiehed (1) u tlieta (3) ma jirċevux ittri u allura huma ma jqassmux il-Voucher Magazine fihom. Fl-appartamenti numri tnejn (2) u erbgha (4) titqassam il-posta u ghalhekk jitqassam il-Voucher Magazine hemmhekk. Huwa stqarr li l-magazines in kwistjoni kien qassamhom u fil-fatt jghid li "*La fuq dan id-dokument CSL2 a fol 2 hemm ismi jfisser illi jiena qassamt dak il-magazine. Skont dan id-dokument CSL2 a fol 2 it-tieni (2) faċċata ta' dak id-dokument jirrizulta illi jiena qassamt il-magazine fid-disgha (9) ta' Mejju elfejn u tlettax (2013)*" (fol. 37).

6. **Mark Abela**, pustier iehor xehed li huwa ġieli ghamel ir-ronda fi Triq il-Kbira, Mosta u ftakar li kien kellem lill-intimat. Huwa kien staqsieh f'liema mill-erba' appartamenti kien jirrisjedi u dan peress li huma (cioe l-pustiera) ma jqassmux

*magazines* meta jkunu jafu li f'appartament partikolari ma jkun hemm jirrisjedi hadd. Qal ukoll illi mill-impressjoni li ha, fl-appartamenti numri tnejn (2) u erbgha (4) kienu jirrisjedu n-nies filwaqt li fl-appartamenti numri wiehed (1) u tlieta (3) ma jirrisjedux nies. Ghalhekk, kompla jghid ix-xhud "... *ahna bqajna nitfghu kif konna nitfghu minn dejjem fiz-zewg appartamenti fejn jirrisjedu n-nies u cioe l-appartament numru tnejn (2) u l-appartament numru erbgha (4)*" (fol. 39).

7. **L-intimat Alan Vella** beda biex qal li huwa ma jridx ihallas l-ammont li qeghda tippretendi s-socjeta rikorrenti peress li x-xoghol minnha ma sarx sewwa. Qal li n-negozju odjern huwa kien ghamlu ma Carmen Fenech in rappreżentanza tas-socjeta rikorrenti. Kompla jghid li "*wara li kien sar ir-reklam in kwistjoni jiena kont bdejt incempillha spiss, dan kien f'Mejju tal-elfejn u tlettax (2013) u dan peress illi jiena kelli nformazzjoni li f'hafna postijiet dawn il-magazines ma kienux qed jaslu*" (fol. 40). Qal ukoll li l-imsemmija Carmen Fenech kienet qaltlu li kien hemm xi postijiet fejn il-*magazine* kien anke jdum xahar biex jasal. L-intimat stqarr li huwa kompla jsus warajha iżda baqa ma inghata l-ebda risposta u kien ghalhekk li huwa baghtilha *email* bl-indirizzi speċifiċi ta' fejn ma wasalx il-*magazine*. Din l-*email* tinsab esebita a fol. 15 tal-process. Il-postijiet indikati f'din l-*email* datata 25 ta' Gunju, 2013 huma:

i) 55/2, Main Street, Mosta;
ii) 55/4, Main Street, Mosta u
iii) South Lodge, Lord Strickland Street, Attard
iv) Post iehor ġewwa z-Zabbar[1].

Dawn l-indirizzi, kompla jghid l-intimat, huma kollha proprjetà tieghu. Qal li "*fihom il-posta dejjem waslet, però f'Mejju tal-elfejn u tlettax (2013) il-magazines jiena ma rcevejthomx*" (fol. 40).

Qal li s-socjeta minnu rappreżentata u cioe Price Breakers Limited toffri ukoll *telesales* u cioe iċċempel lin-nies tfehmhom dwar ix-xirjiet li toffri din il-kumpanija u biex tiffaċilita l-bejgh tghidilhom sabiex jaraw ir-riklam bl-istampa.

[1] dettalji ta' dan il-post baqghu ma inghataw qatt

Qal li *“dak ix-xahar partikolari ta’ Mejju elfejn u tlettax (2013) in-nies fil-maggoranza taghhom kienu qed jghidulna li dak il-magazine ma wasalx”* (fol. 40). Dan l-ilment, jghid l-intimat, ghamlu mas-socjeta rikorrenti fl-email tieghu li hemm riportata a fol. 15 tal-process. In sostenn ta’ dan il-fatt li l-*magazine* ma tqassamx mal-postijiet kollha, l-intimat stqarr li *“fejn is-soltu ġeneralment f’xahar partikolari nbieghu ammont ta’ sales, dak ix-xahar ta’ Mejju tal-elfejn u tlettax (2013) meta kien hemm ir-reklam beghena ferm u ferm anqas minn dak li nbieghu s-soltu”* (fol. 40).

Mistoqsi in kontro-ezami l-ghala ma kienx kiteb dan il-fatt u cioe li minn stharrig li kienet ghamlet is-socjeta tieghu kien irrizultalha li kien hemm diversi postijiet li baqghu ma rcevewx dan il-Voucher Magazine f’Mejju, 2013 huwa wieġeb u qal li ma nizziliex fl-*email* tal-25 ta’ Gunju, 2013 izda kien qalilha verbalment. In sostenn ta’ dan huwa qal li “... *fil-fatt bl-email datata erbgha u ghoxrin (24) ta’ Gunju elfejn u tlettax (2013) mibghuta lili mis-socjeta rikorrenti hija kienet talbitni sabiex intiha l-indirizzi halli hi tkun tista tivverifika mal-Malta Post*” (fol. 41). L-*email* li huwa kien baghat fil-25 ta’ Gunju, 2013 lis-socjeta rikorrenti intbaghtet ghan-nom tas-socjeta intimata.

Finalment jghalaq il-kontro-ezami tieghu billi jghid li ir-raguni l-ghala huwa ma hallasx l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti kienet ukoll “... *il-ghaliex l-ordnijiet li kien hemm f’dak ix-xahar kienu ftit wisq meta komparata ma’ drabi ohra*” (fol. 41).

Ikkunsidra ulterjorment;

8. Nibdew biex naraw li f’’materja ta’ provi, l-apprezzament taghhom, il-piz li ghandhom jinghataw ċertu provi u liema ghandhom jiġu skartati jew eliminati nsibu li fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia** deciza fl-24 ta’ Novembru, 1966 l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili qalet li:

> “*Illi huwa veru li hemm konflitt kbir bejn il-verzjoni ta’ l-attur u dik tal-konvenut, izda mhux kwalunkwe tip ta’ konflitt ghandu jhalli lill-Qorti*

*f'dak l-istat ta' perplessita li minhabba fih ma tkunx tista tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa fuq ir-regola ta' l-'in dubio pro reo'. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa soggett ghal l-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha, imma meta dan il-konflitt ma jkunx gej minn semplici differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu certu grad ta' tolleranza u li ghalihom sewwa inghad li "tot homines tot sententiae", u lanqas ma jkun gej minn verzjonijiet differenti 'bona fidcidenti li jigru u jintemmu malajr u ghalarrieda, e.g. identita, velocita ta' vejikoli, u cirkostanzi ohra subitanei li fuqhom, skond l-esperjenza komuni, s-sensi jistghu jitqarqu, imma ghal kuntrarju dan il-konflitt jkun jirrigwarda fatti u abitudnijiet li jkunu setghu gew osservati f'perjodu twil ta' snin, bhal f'dan il-kaz, allura jsir car li xi wiehed mill-kontendenti jkun halla l-interess u l-passjoni jelbuh u b'hekk jabbuza mill-process tal-gustizzja. Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandix taqa comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-ikbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq bilanc tal-probabilita u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant, eccezzjoni ta' xi kazijiet gravi li m'ghandhomx rassomiljanza mal-kaz prezenti. Anke f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti*[2]"

9. Il-Qorti, fl-istess sentenza kompliet tghid li:

*"il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant"* u *"fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-*

[2] Ara ukoll f'dan is-sens **George Bugeja vs Joseph Meilak**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru, 2003 per Onor. Imhallef Dr. Tonio Mallia u **Gerald Desira et vs Joseph Barbara** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-9 ta' April, 2010 per Imhallef Dr. Ph. Sciberras.

*ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli"*[3].

10. Inghad ukoll mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Maria Xuereb vs Clement Gauci et** deciza fl-24 ta' Marzu 2004 li:

*"Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

1. *Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*
2. *Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur"*

11. Finalment, il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deciza fit-12 ta' April, 2007 stqarret li in materja ta' provi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:

---

[3] ara wkoll – **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta` April 2003 per Imhallef Ph. Sciberras u ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Gunju, 2006 u **Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta vs Francis Difesa** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit- fit-28 ta' Mejju 2003 per Imhallef Ph. Sciberras;

(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor)[4].

(2) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta'[5].

(3) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat;

(4) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura

[4] Ara Kollez. Vol. XLVI.I.5;

[5] Ara Kollez. Vol. XXXVII.I.577;

skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni[6].

12. Mill-provi prodotti quddiem it-Tribunl u kif inhuma riportati aktar il-fuq f'din is-sentenza, it-Tribunal isib li x-xhieda mressqa mis-socjeta rikorrenti hija kredibbli u ma ntwera bl-ebda mod fil-fehma tieghu sabiex jitfa xi dubju fuq l-istess. Is-socjeta rikorrenti resqet lil addetti tal-posta biex jixhdu dwar it-tqassim tal-*magazine* in kwistjoni tul ix-xahar ta' Mejju, 2013 u l-pustier li ghamle ir-ronda in kwistjoni u cioe Roderick Cutajar stqarr li huwa kien qasam dan il-*magazine* fiz-zewg fondi indikati mill-intimat fl-email tieghu datata 25 ta' Gunju, 2013 (fol. 15). Il-pustier l-iehor, Mark Abela stqarr li huwa kien kellem lill-intimat u kien staqsieh f'liema mill-erba' appartamenti kien jirrisjedi u dan peress li huma (cioe l-pustiera) ma jqassmux *magazines* meta jkunu jafu li f'appartament partikolari ma jkun hemm jirrisjedi hadd. Ikkonferma ukoll li "*... ahna bqajna nitfghu kif konna nitfghu minn dejjem fiz-zewg appartamenti fejn jirrisjedu n-nies u cioe l-appartament numru tnejn (2) u l-appartament numru erbgha (4)*" (fol. 39).

13. L-intimat jghid li mit-*telesales* li ghamlet is-socjeta intimata irrizultalha li hafna minn nies li kelmu f'dak ix-xahar partikolari (Mejju, 2013) kollha qalulha li dak il-*magazine* ma kienx wasal. Pero l-intimat ma jressaq lil hadd minn dawn li kienughamlu t-*telesales* ghan-nom tas-socjeta intimata. Ma huwiex argument dak li jghid l-intimat li "*fejn is-soltu ġeneralment f'xahar partikolari nbieghu ammont ta' sales, dak ix-xahar ta' Mejju tal-elfejn u tlettax (2013) meta kien hemm ir-reklam beghena ferm u ferm anqas minn dak li nbieghu s-soltu*" (fol. 40).

14. Mill-provi prodotti jirrizulta a sodisfazzjon tat-Tribunal li l-*magazines* tqassmu kif suppost u li ghalhekk l-ammont reklamat fit-Talba odjerna huwa dovut.

15. Jifdal x'tigi deċiża l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati u cioe li s-socjeta rikorrenti ghandha tghid minghand minn mill-intimati qeghda tippretendi l-hlas. It-Tribunal eżamina d-dokument li gie eżebit mis-socjeta rikorrenti u li jinsab a fol. 14 tal-process (dok. DA 1). Fih insibu fejn il-kelma "*Company*" l-isem tas-socjeta intimata Price Breakers Limited filwaqt li fejn il-kliem "*Client's name*" insibu l-isem tal-intimat Allan Vella. Hemm ukoll numru tal-VAT li l-

[6] Ara Kollez. Vol. XXIV.I.104;

probabilita hija li huwa tal-kumpanija intimata kif inhu l-indirizz. Jidher ovvju li r-reklam kellhu jsir ghas-socjeta intimata però l-booking form hija ntestata fuq iz-zewg intimati. Ma hemmx fejn isem l-intimat il-kliem li solitament insibu meta xi hadd ikun qieghed jiffirma ghan-nom tal-kumpanija u cioe "*obo*" jew "*on behalf of*" jew inkella "ghan-nom ta'" u ghalhekk it-Tribunal qieghed jikkonkludi li z-zewg intimati kienu responsabbli ghal dan ir-reklam.

16. L-intimat fil-verbal tas-7 ta' Jannar, 2014 qabel mal-fatt li r-reklam minnu mitlub gie ppubblikat. Qabel ukoll li dan il-*magazine* tqassam f'xi *households*. L-unika kontestazzjoni tieghu kienet li dan il-magazine ma tqassamx fil-households kollha li solitament jitqassam. Diga rajna li dwar dan l-ahhar punt it-Tribunal esprima ruhhu aktar il-fuq. Ghalhekk in vista ta' dak minnu dikjarat it-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jsib li l-ammont reklamat huwa dovut mill-intimati.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mill-intimati fir-risposta taghhom in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż, qieghed jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta rikorrenti in solidum bejniethom is-somma ta' erba' mija tnejn u sebghin euro [€472] bl-imghaxijiet legali fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data ta' meta dan l-ammont kien dovut u cioe mill-11 ta' Mejju, 2013.

L-ispejjez huma kollha a kariku tal-intimati in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------